MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.
HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2002

Numru 568/2002

**Il-Pulizija
(Sp. Bernard Zarb)**

**vs**

**Marco Difesa ta' 37 sena, iben Francis u Paula nee Psaila, mwieled Pieta' fid-29 ta' Gunju, 1964, u joqghod 53, 'Endless House', Triq l-Inbid, Attard, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 361164 (M).**

**Illum 4 ta' Ottubru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Marco Difesa li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fl-1 ta' Gunju, 2002 u fiz-

zmien ta’ qabel, fil-Belt Valletta u fi bnadi ohra ta’ dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda.

(1) xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe t-shirts tal-marka Energie u dan bi ksur ta’ artikolu 298 (1) (f) tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiiet ta’ Malta.

(2) bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex iqassam xi artiklu jew xihaga ohra u t-shirts tal-marka Energie bi ksur ta’ jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe l-One Fashion Limited u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta’ Ganado & Associates Advocates rapprezentata minn Dr Anthony Cremona LL. D. et hija rapprezentanti, protetti bil-jew taht il-ligi ta’ Malta u dan bi ksur tal-artikolu 298B (1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U b’hekk jitqies li opera minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghat-tenur ta’ LN 120/92.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat ukoll li fil-hin ta’ l-interrogatorju huwa kien hati ta’l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ukoll il-kwerela ipprezentata mill-ufficjal prosekutur.

Semghet it-trattazzjonijiet dwar il-piena.

Ikkonsidrat

Dwar il-piena rat ukoll il-fedina penali ta’ Marco Difesa, semghet li dan kien l-ewwel reat ta’ din in-natura. Rat ukoll il-kooperazzjoni tieghu fl-istqarrija minnu rilaxxata. Ghaldaqstant wara li rat l-artiklu 18, 298 (1) (f), 298 (b) (1), tal-Kap 9, l-Avviz Legali 120/92 kif ukoll l-artikolu 17 tal-Kap 9. Tqis li piena karcerarja in kwantu premess mhux wahda idonea, rat l-art 9 tal-Kap 152, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il xahar mil-llum.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat is-sinifikat ta’ liberazzjoni bil-kundizzjoni.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.